# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 258/2022

**tat-23 ta' Settembru 2022**

**li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/787]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2022/312 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2020/1429 fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni ta' miżuri temporanji dwar l-impożizzjoni ta' imposti għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja [1] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 37ar (ir-Regolament (KE) 2020/1429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

"— **32022 R 0312**: Ir-Regolament (UE) 2022/312 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 (ĠU L 55, 28.2.2022, p. 1)."

*Artikolu 2*

It-test tar-Regolament (UE) Nru 2022/312 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li għandu jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*
*Il-President*
Kristján Andri STEFÁNSSON

---

[1] ĠU L 55, 28.2.2022, p. 1.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.